

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10528/26
ADD 1

DELECT 98
PECHE 238

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion:	C(2026) 3933 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali, l-istandards tal-piżijiet tal-lejt fl-Anness I, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet fl-Annessi XI u XII

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3933 annex.

Mehmuż: C(2026) 3933 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
C(2026) 3933 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport xjentifiku annwali u r-rapportar tal-qabdiet annwali totali, l-istandards tal-piżijiet tal-lejt fl-Anness I, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-bastimenti fl-Anness V, ir-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-osservaturi fl-Anness X, u r-rekwiżiti fir-rigward tad-data tal-portijiet fl-Annessi XI u XII

ANNEX

L-Annessi I, V, X, XI u XII tar-Regolament (UE) 2018/975 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX I

L-istandards tal-piżijiet tal-lett

1. Fil-każ tas-sistemi bil-piżijiet esterni, il-bastimenti għandhom jużaw reġim għall-irranġar tal-piżijiet tal-konzijiet li jkiseb rata minima dimostrabbli ta' immersjoni tal-konzijiet ta' 0,3 metri/sekonda sa fond ta' 15-il metru għall-irkaptu. B'mod partikolari:

(a) il-lettijiet bil-piżijiet esterni fil-konfigurazzjoni tas-sistema Spanjola u t-trotlines għandhom jużaw massa ta' mill-inqas 8,5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m jekk jintużaw il-ġebel, massa ta' 6 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 20 m għall-piżijiet tal-konkrit, u piżijiet ta' 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m għall-piżijiet tal-metall solidu;

(b) il-lettijiet bil-piżijiet esterni f'sistema ta' konzijiet awtomatiċi għandhom jużaw massa ta' mill-inqas 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m, li għandhom jiġu rilaxxati mill-bastimenti b'mod li jevita t-tensjoni fuq wara tal-bastiment (it-tensjoni fuq wara tista' tgħolli 'l fuq mill-ilma xi partijiet mill-konz li jkunu diġà kalati).

2. Fil-każ tal-bastimenti li jużaw konzijiet bil-piżijiet interni, il-qalba tal-konzijiet għandha tkun taċ-ċomb, mill-inqas 50 g/m, u dawn il-konzijiet għandhom jinżlu taħt l-ilma minnufih bi profil lineari u jiksbu rata ta' immersjoni ta' aktar minn 0,2 metri/sekonda.”

2. l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-taqsimi 1, il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) Numru tal-OMI;

(2) Fit-taqsimi 1, il-punt (xix) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(xix) It-tipi ta' sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-bastimenti u n-numri tagħhom (pereżempju n-numri INMARSAT A, B u C, TSACOM, VSAT, Starlink), li jridu jkunu kompatibbli ma' daww użati mis-Segretarjat tal-SPRFMO”;

3. L-Anness X huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsimi A.1, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) Numru tal-OMI;

(2) Fit-Taqsimi B.2 jidiedu l-punti (r) u (s) li ġejjin:

“(r) Id-data u l-ħin li fihom tittella' x-xibka (il-ħin li fih ix-xibka tkun kompletament abbord) – UTC

(s) Kemm-il darba d-diriġenti jinħarġu mill-ilma waqt l-irmonk”;

(3) Fit-Taqsimi K.4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-metodi tas-sajd iridu jiġu deskritti bl-użu tal-kodiċijiet tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Irkaptu tas-Sajd (ISSCFG)”;

(4) Fit-Taqsimi O.1, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) Numru tal-OMI;

4. L-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tat-Taqsima 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. Qabda totali abbord”;

5. L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(1) It-taqsimiet 4, 5, 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“4. Evalwazzjoni tal-qabdiet żbarkati (matul din il-waqfa f'port)

Speċi	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità żbarkata ddikjarata (kg)	Kwantità żbarkata (kg)	Differenza bejn il-kwantità ddikjarata u l-kwantità ddeterminata, jekk hemm

5. Evalwazzjoni tal-qabda miżmuma abbord

Speċi	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata miżmuma abbord (kg)	Kwantità miżmuma abbord (kg)	Differenza bejn il-kwantità ddikjarata u l-kwantità ddeterminata, jekk hemm

6. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO li waslu mit-trażbord (matul din il-waqfa fil-port)

Speċi	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata li waslet (kg)	Kwantità li waslet (kg)	Differenza bejn il-kwantità ddikjarata u l-kwantità ddeterminata, jekk hemm

7. Eżamijiet u sejbiet

Taqsimi:	Kummenti:
Eżami tal-ġurnali ta' abbord u ta' dokumentazzjoni oħra:	
Konformità mal-iskema/i ta' dokumentazzjoni tal-qbid applikabbli:	
Konformità mal-iskema/i ta' informazzjoni dwar il-kummerċ applikabbli:	
Tip ta' rkaptu abbord:	
Rkaptu eżaminat ¹ :	
Sejbiet tal-ispetturi:	
Ksur suspettat (inkludi referenza għall-istrumenti legali rilevanti):	
Kummenti tal-kaptan tal-bastiment:	

Azzjonijiet meħuda:

Firma tal-kaptan tal-bastiment:

Firma tal-ispettur:

¹ Eżami, bir-reqqa kemm jista' jkun, tal-irkaptu tas-sajd rilevanti kollu li jkun abbord, inkluż kwalunkwe rkaptu stivat fejn ma jidhirx kif ukoll apparat relatat, u verifika, bir-reqqa kemm jista' jkun, tal-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet. L-irkaptu tas-sajd għandu, sa fejn ikun possibbli, jiġi kkontrollat ukoll sabiex ikun żgurat li karatteristiċi bħad-daqs tal-malja u tal-ispag, l-apparat u l-aċċessorji, id-dimensjonijiet u l-konfigurazzjoni tax-xbieki, in-nases, il-gangmi, id-daqsijiet u l-għadd ta' snanar ikunu konformi mar-regolamenti applikabbli u li l-marki jikkorrispondu għal dawk awtorizzati għall-bastiment.”